32004R0104

L 16/20 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 23.1.2004

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 104/2004
tat-22 ta' Jannar 2004
li jniżżel ir-regoli dwar l-organizzazzjoni u l-komposizzjoni tal-Bord ta' l-Appell ta' l-Aġenzija tas-Sigurta' ta' l-Avjazzjoni Ewropea

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2002 dwar regoli komuni fil-qasam ta' l-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi l-Aġenzija tas-Sigurta' ta' l-Avjazzjoni Ewropea [1], kif l-aħħar emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1701/2003 [2], u partikolarment l-Artikolu 31(3) u l-Artikolu 32(5) tiegħu,

Billi:

(1) Regolament (KE) Nru 1592/2002 jawtorizza lill-Aġenzija tas-Sigurta' ta' l-Avjazzjoni Ewropea (l-Aġenzija) li tieħu deċiżjonijiet individwali fl-oqsma taċ-ċertifikazzjoni tat-tjubija għat-titjir u ta' l-ambjent, investigazzjoni ta' l-impriżi, pagament tal-piżijiet u ħlas applikabbli; jistabbilixxi ukoll Bord ta' l-Appell li quddiemu jistgħu jitressqu appelli kontra tali deċiżjonijiet individwali ta' l-Aġenzija.

(2) L-Artikoli 31 u 32 tar-Regolament (KE) Nru 1592/2002 jagħtu s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta regoli dettaljati dwar in-numru ta' bordijiet ta' l-appell, l-allokazzjoni taxxogħol, il-kwalifiki meħtieġa għall-membri ta' kull bord u s-setgħat tal-membri individwali fil-fażi ta' preparazzjoni tad-deċiżjonijiet kif ukoll il-kondizzjonijiet tal-votazzjoni.

(3) Huwa mistenni li l-ammont ta' l-appelli jkun pjuttost limitat almenu sakemm Regolament (KE) Nru 1592/2002 ma jkunx emendat biex l-iskop tiegħu jkun estiż għall-operazzjonijiet tat-titjir u l-għotja tal-liċenzi ta' l-ekwipaġġ.

(4) Il-Bord ser jeżamina l-materja li għaliha livell għoli ta' esperjenza teknika ġenerali fl-isfera taċ-ċertifikazzjoni huwa meħtieġ; huwa madankollu neċessarju li l-Bord ikun presedut minn membru kwalifikat legalment b'esperjenza rikonoxxuta fil-liġi tal-Komunità u internazzjonali. Dan il-membru għandu jkun il-President.

(5) Biex ikun faċilitat it-trattament u t-twarrib ta' l-appelli, relatur għandu jkun nominat għal kull każ, li għandu jkun responsabbli fost ħwejjeġ oħra li jipprepara komunikazzjonijiet mal-partijiet u li jabbozza deċiżjonijiet.

(6) Biex tkun assigurata l-ħidma bla xkiel u effiċjenti tal-Bord ta' l-Appell, għandu jkun imqabbad reġistru miegħu, li l-persunal tiegħu jkun responsabbli tal-funzjonijiet ta' appoġġ kollha li ma jinvolvu l-ebda diskrezzjoni legali jew teknika.

(7) Il-miżuri provvduti minn dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat stabbilita taħt l-Artikolu 54(3) tar-Regolament (KE) Nru 1592/2002,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

In-numru ta' bordijiet

Għall-iskop li jkun deċiż dwar l-appelli mid-deċiżjonijiet imsemmija fl-Artikolu 35 tar-Regolament (KE) Nru 1592/2002 Bord ta' l-Appell huwa stabbilit.

Artikolu 2

Kwalifiki tal-membri

1. Il-Bord ta' l-Appell għandu jkun magħmul minn żewġ membri kwalifikati teknikament u membru wieħed kwalifikat legalment li jkun il-President tal-Bord.

2. Il-membri kwalifikati teknikament u dawk li jbiddluhom għandhom ikunu illawrjati jew ikollhom kwalifika ekwivalenti u jkollhom esperjenza professjonali sostanzjali fil-qasam taċ-ċertifikazzjoni, f'waħda jew iżjed mid-dixxiplini mniżżla fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

3. Il-membru kwalifikat legalment u dak li jbiddlu għandu jkun illawrjat fil-liġi u kwalifikat minn esperjenza rikonoxxuta fil-liġi tal-Komunità u internazzjonali.

Artikolu 3

Setgħat tal-President

1. Il-Bord ta' l-Appell għandu jkun imsejjaħ mill-President tiegħu. Il-President għandu jassigura l-kwalità u l-konsistenza tad-deċiżjonijiet tal-Bord.

2. Il-President għandu jassenja l-eżaminazzjoni ta' appell lil wieħed mill-membri tal-Bord bħala relatur.

Artikolu 4

Rwol tar-relaturi

1. Ir-relatur għandu jwettaq studju preliminari dwar l-appell.

[1] ĠU L 240, 07.09.02, p. 1.
[2] ĠU L 243, 27.09.03, p. 5.

2. Ir-relatur għandu jassigura konsultazzjoni mill-qrib u tibdil ta' l-informazzjoni mal-partijiet għall-proċeduri. Għal dan il-għan, ir-relatur għandu:

(a) jipprepara komunikazzjonijiet lill-partijiet suġġetti għad-direzzjoni tal-President tal-Bord;

(b) jikkomunika kwalunkwe defiċjenzi li għandhom ikunu rimedjati minn parti tal-proċeduri;

(ċ) jistabbilixxi limiti taż-żmien għall-proċeduri xierqa skond l-Artikolu 39(2) tar-Regolament (KE) Nru 1592/2002; u

(d) jiffirma l-komunikazzjonijiet kollha f'isem il-Bord.

3. Ir-relatur għandu jipprepara l-laqgħat interni tal-Bord u l-proċeduri orali.

4. Ir-relatur għandu jabbozza d-deċiżjoni.

Artikolu 5

Reġistru mqabbad mal-Bord ta' l-Appell

1. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jqabbad reġistru mal-Bord ta' l-Appell. Il-persunal inkarigat mir-reġistru m'għandux jipparteċipa fi kwalunkwe proċeduri ta' l-Aġenzija relatati mad-deċiżjonijiet li jistgħu jiġu appellati.

2. Il-persunal tar-reġistru għandu jkun partikolarment responsabbli għal:

(a) iż-żamma ta' reġistru mibdi mill-President li fih l-appelli kollha u d-dokumenti ta' sostenn ikunu mdaħħlin f'ordni kronoloġika;

(b) riċeviment, trasmissjoni u kustodja tad-dokumenti;

(ċ) il-prestazzjoni ta' funzjonijiet oħra ta' sostenn għall-Bord ta' l-Appell li ma jinvolvu l-ebda diskrezzjoni legali jew teknika, partikolarment fir-rigward tar-rappreżentazzjoni, is-sottomissjoni tat-traduzzjonijiet u n-notifiki;

(d) is-sottomissjoni lill-President tal-Bord ta' rapport dwar l-ammissibilità formali ta' kull appell ġdid iffajljat;

(e) fejn ikun neċessarju, tniżżil tal-minuti tal-proċeduri orali.

Artikolu 6

Deliberazzjonijiet

1. Membri tal-Bord biss għandhom jipparteċipaw fid-deliberazzjonijiet; il-President tal-Bord jista', madankollu, jawtorizza uffiċjali oħra bħal persunal tar-reġistru jew interpreti biex jattendu. Id-deliberazzjonijiet għandhom ikunu sigrieti.

2. Matul id-deliberazzjonijiet bejn il-membri tal-Bord, l-opinjoni tar-relatur għandha tinstema l-ewwel u dik tal-President l-aħħar.

Artikolu 7

Kondizzjonijiet tal-votazzjoni u ordni

1. Deċiżjonijiet tal-Bord ta' l-Appell għandhom jittieħdu mill-maġġoranza tal-membri tiegħu. F'każ ta' parità, il-vot tal-President tal-Bord għandu jkun deċisiv.

2. Jekk votazzjoni tkun neċessarja, il-voti għandhom jingħataw skond is-sekwenza provvduta fl-Artikolu 6(2). M'humiex permessi astenzjonijiet.

Artikolu 8

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 ġurnata wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-22 ta' Jannar 2004.

Għall-Kummissjoni

Loyola DE PALACIO

Viċi-President

L-ANNESS

LISTA TAD-DIXXIPLINI

1. Id-dixxiplini tekniċi li ġejjin:
   (i) titjir/prestazzjoni
   (ii) struttura
   (iii) sistemi idromekkaniċi
   (iv) sistemi ta' rotor/trasmissjoni
   (v) ta' l-elettriku/HIRF/tad-dawl
   (vi) avjonika/software
   (vii) installazzjoni ta' l-impjant ta' l-enerġija/sistemi tal-karburanti
   (viii) sigurtà tal-kabina/sistemi ta' l-ambjent
   (ix) ħoss/emissjonijiet
   (x) tjubija għat-titjir kontinwata/direttivi għat-tjubija tat-titjir kif applikati għall-prodotti li ġejjin, il-partijiet u l-istrumenti tagħhom:
      (a) ajruplani kbar
      (b) ajruplan bl-iskrajjen
      (ċ) ajruplani żgħar
      (d) blalen ta' l-ajru/iġfna ta' l-ajru/glajders/UAV's
      (e) magni/APUs/skrajjen.
2. Approvazzjoni ta' u sistemi ta' kwalità assoċjati ma':
   (i) organizzazzjonijiet ta' disinn
   (ii) organizzazzjonijiet ta' produzzjoni
   (iii) organizzazzjonijiet ta' manteniment.